MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 797/2003/1

**Dr Francis Portanier**

**vs**

**Carmelo Mallia**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Lulju, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm868.25c) rapprezentanti hsarat minnu sofferti fil-karozza tieghu Jaguar Sovereign bin-numru ta' registrazzjoni DSP 777 f'kollizjoni li sehhet fis-26 t'Awissu, 2002 fi Triq Dun Mauro

Inguanez, Birkirkara meta l-konvenut kien qed isuq vann Transit bin-numru ta’ registrazzjoni LAA 753.

Ra r-Risposta tal-konvenut li fiha eccepixxa illi l-incident in kwistjoni sehh unikament b’negligenza, traskuragni u mperizja jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti ta’ George Portanier li kien qed isuq il-vettura ta’ l-attur fil-hin ta’ l-incident li njora *stop sign* fit-triq minfejn kien hiereg u baqa’ diehel gewwa t-triq li kienet qed tinstaq il-vettura tal-konvenut minghajr ma ha l-prekawzjonijiet mehtiega.

Ra x-xhieda traskritta ta’ George Portanier u sema’ x-xhieda ta’ Carmelo Mallia, x-xhieda ulterjuri ta’ George Portanier, Alfred Farrugia w Anthony Willoughby.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra

Mill-provi jirrizulta illi George Portanier, li kien qed isuq il-vettura ta’ l-attur, kien qieghed isuq fi Triq Dun Mauro Inguanez li hija triq ghat-telgha li taghti ghal Psaila Street. Huwa jghid illi qabel ma hareg ghal fuq Psaila Street bl-intenzjoni li jdur lejn ix-xellug, huwa waqaf fejn hemm l-i*stop sign* u mbaghad bejn l-i*stop sign* u t-triq principali hemm spazju u beda miexi bil-mod biex jidhol ghal fuq Psaila Street u meta zbokka ghal fuq Psaila Street giet karozza misjuqa mill-konvenut fi Psaila Street gejja f’direzzjoni opposta li kienet wrong side u b’hekk sehhet il-kollizjoni.

Il-konvenut xehed illi huwa kien miexi fi Psaila Street gej mid-direzzjoni tal-Hamrun sejjer fid-direzzjoni ta’ Birkirkara u ried jibqa’ miexi ghad-dritt lejn il-Eurosport. Ezatt fejn gara l-incident kien hemm trailer ipparkjat man-naha tax-xellug tat-triq u ghalhekk gibed ‘il barra u fil-mument qabel ma kien qed jipprova jaqbez dan it-trailer harget il-karozza misjuqa minn Portanier minn side-road u b’hekk sehhet il-kollizjoni. Huwa jghid illi ma kienx ghaddej bi speed.

Mir-ritratti esebiti jidher li l-entita’ tad-daqqa ma kienetx qawwija u fil-fatt l-ammont mitlub tela’ ghal daqshekk

minhabba l-fatt li l-vettura ta' l-attur hija Jaguar u l-parts huma gholjin. Fir-ritratt tal-vettura misjuqa minn Mallia jidher li l-vettura tieghu ftit li xejn ghandha hsarat. Il-hsarat fuq il-vettura tal-konvenut huma fix-xewka tal-bumper min-naha tal-lemin u xaqq fil-fanal ta' l-indicator ezatt fuq il-bumper, mentri fil-vettura ta' l-attur id-daqqa hija ftit off-centre mill-bumper ta' quddiem.

F'materja simili hija gurisprudenza kostanti illi sewwieq li hiereg minn side-road ghandu piz kbir mitfuh fuqu li qabel ma johrog fuq it-triq principali ghandu jieqaf, jesplora t-triq sew u meta johrog, johrog bil-galbu (edging out) u minghajr ma jaghmel hsara ghall-flow tat-traffiku fuq it-triq principali. F'kull hin ghandu jzomm *a proper lookout.*

Da parti l-ohra, fir-rigward tas-sewwieqa tat-triq fuq il-main-road, ghalkemm ghandhom id-dritta m'ghandhomx jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom. Huma tenuti wkoll li jzommu *a proper lookout*. Mill-isketch esebit tidher il-pozizzjoni tal-vetturi kif spiccaw wara li sehh l-incident, izda z-zewg partijiet jaqblu illi wara l-incident il-konvenut irriversja ftit ghalkemm il-karozza ta' l-attur baqghet fejn kienet. Man-naha tax-xellug minfejn kienet hierga l-vettura ta' l-attur kien hemm ringiela ta' karozzi pparkjati u fil-fatt il-kollizjoni sehhet bejn wiehed u iehor hekk kif il-karozza ta' l-attur zbokkat ghall-parti li kienet clear ta' Psaila Street – ezatt oppost it-trailer ipparkjat.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jidhirlu li japplika sew l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Agency Limited Vs Bartolo** deciza mill-**Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Novembru, 2001** li giet citata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-**Prim Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet Francis Borg Vs Mario Mallia et** fejn intqal:

"Utenti tat-triq kellhom kull dritt jezigu illi l-ebda vettura hierga minn go garage ma t'ostakolhom fi triqthom. **Hija ghal kollox zbaljata s-sottomissjoni illi l-fatt li utent tat-triq kien fuq in-naha hazina tat-triq, jew anqas u anqas *on the crown of the road* kien necessarjament ifisser li dan kellu xi htija ghall-incident. Multo magis**

**meta s-sinistru jsehh ma' vettura hierga minn go triq laterali minuri** w anqas u anqas minn go garage kellu juza l-massima prudenza, **specjalment jekk il-vizwali tieghu ghal gol-main road fiz-zewg direzzjonijiet tkun b'xi mod ostakolata kif kienet f'dan il-kaz, b'vetturi parkeggjati.** Kien jinkombi fuq il-konvenut, allura, l-obbligu ta' *edging out* biex jesplora sewwa t-triq u kien assolutament zbaljat li jissottometti li hu kellu d-dritt jistenna li l-ebda traffiku ma jitlaq minn Amery Street fuq naha hazina tat-triq."

Fl-istess hsieb vide wkoll **Edgar Galea nomine Vs Benny sive Benedict Buhagiar deciza mill-Prim Awla fit-2 t'Ottubru, 2002**.

It-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima tal-kollizjoni in kwistjoni hija s-sewqan ta' Portanier li meta kien hiereg ghal fuq il-main road ma esplorax sew it-triq qabel ma hareg ghal fuqha u dan partikolarment billi l-vizwali tieghu kienet ristretta hafna minhabba li kien hemm karozzi pparkeggjati fuq in-naha tax-xellug tieghu u ghalhekk meta hareg kellu joqghod attentissimu u jkun cert li jista' jespleta din il-manuvra minghajr xkiel.

Portanier kien jew kellu jkun konxju li ezatt faccata tieghu minfejn ried johrog, cjoe' fin-naha l-ohra tat-triq ta' Psaila Street kien hemm trailer ipparkjat u ghalhekk seta' facilment jinduci illi t-traffiku li kien gej min-naha tax-xellug tieghu kellu necessarjament ikollu johrog *on the crown of the road* biex jaqbez dan it-trailer ipparkjat – kif fil-fatt ghamel il-konvenut.

L-oneru fic-cirkostanzi partikolari kien kompletament fuq l-attur li kellu jesplora sew it-triq, jigifieri *a proper lookout* u meta johrog fuq it-triq principali dan ikun bil-mod u b'mod prudentissimu.

Il-konvenut kien fuq il-main road u kellu d-dritta u kien hemm raguni gustifikata ghaliex huwa mar *on the crown of the road*. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh illi l-isketch ma jurix il-vettura tal-konvenut kif spiccat mal-habta billi l-konvenut irriversja wara l-incident, izda jekk

wiehed ipoggi l-vettura tal-konvenut f'pozizzjoni li tkun qed tmiss mal-vettura ta' l-attur juri bic-car illi l-konvenut kien qed isuq fuq l-unika trajjettorja permessibbli ghalih fic-cirkostanzi kif kienu fit-triq li kien ghaddej minnha.

Il-fatt li Portanier hariglu minn side-road min-naha tal-lemin tieghu fejn kien kien hemm ringiela karozzi pparkjati u ghalhekk kellu vizwali ristretta ma timmilitax kontra tieghu izda se mai timmilita aktar kontra Portanier.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet minhabba sewqan negligenti u mprudenti ta' Portanier u mhux tal-konvenut.

Illi minhabba l-premess m'huwiex necessarju li t-Tribunal jidhol f'ezami tal-*quantum* izda ghal kull buon fini jirrileva illi d-danni pretizi mill-attur gew debitament kwantifikati u jinsabu konfortati mis-surveys u ma jirrizultax sodisfacentement pruvat illi qabel il-kollizjoni, l-vettura ta' l-attur kellha xi daqqa ohra li kienet ghadha ma ssewwitx. Dan qieghed jinghad semplicement *obiter* stante illi t-talba ta' l-attur ser tigi michuda billi l-konvenut ma jahtix ghall-incident in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement jichad it-talba ta' l-attur u dan billi l-kollizjoni in kwistjoni ma sehhitx b'responsabbilta' tal-konvenut.  Bl-ispejjez kontra l-attur."

L-attur appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha bl-aggravju li jikkonsisti f' kontestazzjoni ta' l-apprezzament tar-rizultanzi istruttorji li ghamel it-Tribunal. Is-sottomissjonijiet principali ta' l-appellant hija illi d-dinamika ta' l-incident kienet turi li l-konvenut kien ghaddej fuq in-naha hazina tat-triq fil-mument li hu kien hiereg bil-mod hafna minn triq laterali ghal Psaila Street, B'Kara. Huwa jsostni li mill-posizzjoni li kien, jaghmel kemm jaghmel *proper look out* qatt ma seta' jara lill-konvenut gej;

Jibda biex jigi osservat illi ghal dawn is-sottomissjonjiet hemm twegiba bazata fil-fatt u fid-dritt li twassal ghal konkluzjoni diversa minn dik prospettata mill-attur appellanti:-

(1) Hu stabbilit mill-provi illi l-konvenut kien qieghed isuq fuq it-triq principali filwaqt li George Portanier, bin l-attur, li f’ dak il-mument kien qieghed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni DFP 777, proprjeta` ta’ l-attur, kien hiereg minn triq sekondarja fejn hemm ukoll “*stop sign*”;

(2) Dan kien jimponi fuq dan is-sewwieq li jieqaf ghal kollox fejn it-triq li minnha kien gej kienet tizbokka ghal fuq it-triq principali biex ikun f’ qaghda li jesplora sewwa t-triq. Dan aktar u aktar meta faccata tieghu kien hemm *trailer* kbir ipparkjat, li skond hu kien f’ nofs tat-triq u hu htieglu jdur ghal fuq ix-xellug, fejn kien hemm ukoll vetturi ohra parkeggjati;

(3) L-istess sewwieq George Portanier in kontro-ezami jikkonfessa li hu ma waqafx zobtu izda kien “*crawling*” (fol.17). Kien lampantement ovvju ghalhekk li dan ma osservax ir-regola bazilari tas-sewqan li f’ dak il-mument u f’ dawk ic-cirkostanzi kienet tiddettalu li ma jazzardax jirfes ghal fuq it-triq principali. Invece, minn dak minnu stess rakkontat jidher li hu kien f’ posizzjoni invadenti ghat-traffiku gej fit-triq principali minn fuq ix-xellug tieghu;

(4) Jekk wiehed joqghod ghal dak rizultanti mill-iskizz jidher li l-imsemmi konducent kien sporga sewwa ghal fuq it-triq principali meta sehh l-incident. Minn dan biss, fil-fehma tal-Qorti, huwa indikattiv illi l-posizzjoni tal-vettura ta’ l-attur, misjuqa minn ibnu, fil-mument ta’ l-iskontru bl-ebda mod ma turi manuvra ta’ “*inching out*” biex tigi esplorata t-triq principali izda pjuttost ta’ hrug non-kuranti u bla tehid ta’ adegwata prekawzjoni.

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, l-argument ta' l-appellant illi l-konvenut, citat minnu, kien responsabbli ghax kien qed isuq fuq in-naha hazina tat-triq irid, per forza, jigi nkwadrat u ezaminat fl-isfond tal-kwadru shih tal-kaz. Jirrizulta li fil-kors tat-triq transitata mill-konvenut kien hemm *trailer* ta' certu kobor li ma kienx jippermettilu jsuq ghad-dritt fuq in-naha tax-xellug tat-triq, Dan huwa accettat ukoll mis-sewwieq George Portanier meta jixhed li minhabba dan it-*trailer* "kien ghalhekk illi s-sewwieq (il-konvenut) kien ghaddej mill-karreggjata minn fejn ridt nohrog jien" (fol. 17);

Meta dan kien hekk il-kaz ma jistax jinghad li l-appellat naqas mid-dovuta diligenza "*nel transitare pel lato destro della strada*", F' dak il-kaz "*lungo le petrulle non ancora appianato col rullo adoperato nelle riprazioni stradali*" (**Kollez. Vol. XXVI P I p 296**). Huwa ghalhekk insenjament siewi dak li jirritjeni illi sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naha hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghal kollizjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghaliha (ara **Kollez. Vol. XLVII P II p 966**);

Minn naha l-ohra hu taghlim daqstant iehor importanti illi "min ikun hiereg minn *side street* ghal *main road* ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road* u li jieqaf ghal kollox jew johrog '*inching out*' u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" – "**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine de la Fargue**", Appell Civili, 2 ta' April 1976, u l-bosta sentenzi kompendjati fiha;

Qin il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi jaghmel kemm jaghmel "*proper look our*" qatt ma seta' jara lill-konvenut gej. Pjuttost din l-istess sottomissjoni jew ahjar, skuzanti, tkompli turi kemm il-kritika tieghu fil-konfront tas-setenza appellata hi wahda

dghajfa u ma twassalx biex tiskossa l-osservazzjoni retta tat-Tribunal illi effettivament d-*driver* George Portanier ma osservax id-dmir li jzomm dik li tissejjah "*a reasonable careful look out*" meta kien jaf li fil-faccata tieghu kien hemm *trailer* imdaqqas f' nofs it-triq u fuq ix-xellug tieghu l-vizwali tieghu kienet ristretta jew riddimensjonata hafna minhabba l-karozzi pparkeggjati. Li jfisser allura li l-parti karreggjabbli tat-triq principali kienet sew limitata. Minn dan kollu s-sewwieq imsemmi kien ghal kollox konxju jew hekk messu kien, u allura kellu juza grad massimu ta' diligenza. In-nuqqas ta' tali grad ta' diligenza jgib mieghu b' konsegwenza li kien dan is-sewwieq unikament fi htija ghall-kollizjoni.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti mit-Tribunal, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------